# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 2** **JANNAR, 1965**

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Is-sena t-tajba lil kulħadd!

Nawguralkom sena ta' risq u ta' progress fir-ruħ u fil-ġisem.

Tajjeb kieku naħsbu x'ifissru sewwa dawn il-kelmiet, għaliex ħafna drabi dawn il-festi ta' l-ewwel tas-sena jgħaddu bla ma jħallu xejn warajhom. Għalina nsara sena ġdida tfisser pass ieħor lejn is-sema: noqorbu dejjem lejn il-ħajja ta' tgawdija eterna. Iżda kemm nies ma jiġix f'rashom dan il-ħsieb u jibdew is-sena l-ġdida kif spiċċaw il-qadima! Għalhekk wieħed għandu jagħmel il-proponimenti tiegħu u jfittex jitlob 'l Alla rieda soda biex ma jonqosx minnhom matul is-sena l-ġdida. Mhux ħaġa ħażina li wieħed iniżżel dawn il-proponimenti biex kultant jiftakar fihom.

Proponiment sabiħ li nissuġġerilkom huwa t-Tqarbina ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Kemm nies mietu u ma għamlux id-disa' ġimgħat kollha! Ikunu bdew iżda ma komplewx għax il-proponiment tagħhom ma kienx sod biżżejjed.

Tinsewx li ż-żmien għaddej u ma nistgħux inżommuh. Niġu bżonnu u ma nkunux nistgħu nużawh iżjed għax inkunu tlaqna. Kulħadd jaħseb f'ruħu issa, għax dak li niżirgħu nsibu x'naħsdu.

Nipproponu li ma' tul is-sena l-ġdida nagħtu kont ta' ruħna **almenu** daqs kemm naħsbu fil-bżonnijiet tal-ġisem.

Nawguralkom.

IL-KAPPILLAN.

**HINIJIET TAL-QUDDIES FIL-PARROĊĊA**

*Nhar ta' xogħol:* Fil-5.30 a.m.; 6.00 a.m.; 6.30 a.m.; 7.00 a.m.; 7.30 a.m.; 6.30 p.m.

*Nhar ta' Ħadd u fil-Festi Kmandati:* Fl-4.30 a.m.; 6.00 a.m., 7.00 a.m.; 8.00 a.m.; 9.00 a.m.; 10.00 a.m.; 6.30 p.m.

**IL-BULETTINI . . .**

Aħsbu biex issibuhom u toħorġuhom mill-moħba għax dalwaqt jiġi l-Kappillan biex jibdilhom, u tajjeb li meta jiġi tkunu tafu fejn huma.

**X'SER IKOLLNA F'JANNAR**

1 ta' Jannar: Għeluq il-Kwaranturi. Kulħadd għandu jipprova jsib ħin matul il-ġurnata biex jiġi jinvista lil Ġesù espost, u jitolbu għajnuna għas-sena l-ġdida. Fl-4.00 p.m. ikollna l-għasar u l-priedka, u wara l-purċissjoni bħala għeluq tal-Kwaranturi.

3 ta' Jannar: Festa tas-Santa Infanzja. It-tfal kollha huma mistiedna biex jiġu l-Knisja fl-4.30 p.m. ħalli jisimgħu fuq it-tfal bħalhom tal-missjoni.

6 ta' Jannar: Festa ta' l-Epifanija. Fl-4.00 p.m. jkollna l-għasar u l-priedka, u wara purċissjoni bis-Sagrament. Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla jorganizzaw Ġurnata Kontra d-Dagħa.

**FTIT STORJA . . .**

## Nru. 1 — "Tagħrif dwar il-Knisja"

Il-knisja ta' San Ġiljan (imsejħa "Ta' Lapsi"), inbniet fl-1580, ħmistax-il sena biss wara l-Assedju l-Kbir ta' Malta mit-Torok.

Mhux magħruf sewwa min bena din il-knisja ċkejkna, li wara kellha titkabbar aktar minn darba. Iżda aktarx li kienu xi kavallieri dilettanti tal-kaċċa li bnew kappella żgħira fejn kienu jisimgħu l-quddies qabel ma jmorru għall-kaċċa, u ddedikawha lil San Ġiljan, kaċċatur u patrun tal-kaċċaturi.

Meta n-nies bdew jiżdiedu, inħass il-bżonn li l-knisja titkabbar, u x-xogħol tlesta fl-1682. Xi snin wara Ercole Mamo dei Marchesi Mompalao, bniedem prominenti li kien joqgħod hawn, għarraf lil Mons. Pupul Marija dei Conti Sant (il-koadjutur ta' l-Isqof ta' Malta, Mons. Franġisku Saver Caruana), li n-nies ta' San Ġiljan kienu miċħuda mis-Sagramenti, billi l-Ewkaristija ma kenitx titħalla hawn, u lanqas saċerdot residenti ma kellhom. Din kienet ħaġa serja għax f'ka ta' bżonn kemm is-Sagrament kif ukoll is-saċerdot riedu jiġu minn Birkirkara, u dak iż-żmien la kien hawn telephones u lanqas karrozzi.

FOR COMPLETE SATISFACTION
BE SURE TO USE
PASTA PORTELLI
FOR YOUR SPECIAL DINNER

Barra minn hekk, is-sitwazzjoni kompliet tiggrava billi kien hawn ukoll propaganda protestanta minn xi Ingliżi li ġew jgħixu magħna.

Mons. Sant laqa' t-talba tal-ġiljaniżi, u fl-1847, San Ġiljan sar Viċi Parroċċa. Meta, wara xi żmien, Mons. Sant sar Isqof ta' Malta, il-knisja reġgħet ġiet imkabbra fl-1851, u fl-20 ta' Frar, 1853, ġiet imbierka.

Meta fl-1854 saret talba biex San Ġiljan isir Parroċċa (billi n-nies laħħqu s-600 ruħ), din ġiet miċħuda; iżda wara talba oħra iffirmata minn 166 ruħ, l-Isqof Pace għamel din il-knisja Parroċċa għaliha. Dan ġara fl-1 ta' Settembru, 1891. L-ewwel kappillan kien Dun Ġużepp L. Xerri, D.D. Fl-aħħarnett, fl-1891, il-knisja ġiet imkabbra kif nafuha l-lum.

J. S.

## QTAJT BILJETT . . .

. . . għall-Christmas Concert kbir li ser isir fl-Istitut Kattoliku fit-2 ta' Jannar, 1965, b'risq il-bini tal-Knisja l-ġdida tagħna? Tisimgħu l-Kor Parrokkjali, il-Pueri Cantores u l-aqwa kantanti u atturi Maltin. Ikollna wkoll il-Privates minn San Ġiljan.

### MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

| | |
|---|---|
| 16. 11. 64 | Louisa Sciberras (76 sena) ta' 1, Sta. Rita Street. |
| 23. 11. 64 | Anthony Portelli (49 sena) ta' 113, Birkirkara Road. |
| 2. 12. 64 | Kelina Mallia (74 sena) ta' 6, Bay Street. |

### NIFIRHULHOM U NAWGURAWLHOM

| | |
|---|---|
| 15. 11. 64 | Anna Attard minn San Ġiljan ma' Gordon Trevor Coates minn Cheltenham, Ingilterra. |
| 19. 11. 64 | Joseph Mary Gauci minn San Ġiljan ma' Valerie Mary Hawkins minn Hornsey, Ingilterra. |

GHAL TIĠIJIET SBIEH

*SALA MODERNA U RHISA*

**ST. JULIAN'S HALL**

## L-GHAQDIET TAGHNA

Il-Knisja dejjem għarfet il-valur tal-għajnuna tas-sekulari fil-qadi tal-missjoni tagħha. Għalhekk f'kull żmien, taħt forma jew oħra, dejjem insibu lis-sekulari jgħinu lill-mexxejja tal-Knisja. Il-lum għandna l-Għaqdiet Kattoliċi, li b'ispirazzjoni u b'organizzazzjoni differenti, kollha jimmiraw għal skop wieħed: li jgħinu lis-Saċerdot fix-xogħol tiegħu tas-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

F'San Ġiljan għandna ħafna Għaqdiet Kattoliċi li jħaddnu fihom ħafna nies, ta' diversi etajiet u kundizzjonijiet. Għandna l-Azzjoni Kattolika bl-erba' friegħi tagħha, il-M.U.S.E.U.M., il-Legion of Mary, iż-Żgħażagħ Haddiema Nsara, ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla u l-Kongregazzjoni Marjana. Hawn minn fejn wieħed jagħżel! Imma kemm għad baqa' nies f'San Ġiljan, irġiel u nisa, ġuvintur u xebbiet, u anki tfal, li jistgħu jidħlu f'xi waħda minn dawn l-Għaqdiet, u għadhom jaħsbuha!

F'ħarġiet oħra ta' dan il-foljett ser nagħtu stampa żgħira tal-għaqdiet differenti biex kulħadd ikollu idea ta' dak li qiegħed isir mis-sekulari fil-parroċċa tagħna.

## TESSERAMENT TAŻ-Ż.H.N.

Nhar il-Hadd, 29 ta' Novembru, kellna t-tesserament taż-Żgħażagħ Haddiema Nsara (ġuvintur u xebbiet). Wara l-quddiesa tal-10.00 a.m., il-Kappillan laqa' f'dan il-Moviment numru sabiħ ta' żgħażagħ, u ħeġġiġhom biex ikunu appostli fost sħabhom fl-ambjent tagħhom. Filgħaxija sar Social Evening, li għalih attendew ħafna membri ta' Sections oħra.

## IS-SORIJIET TAL-KLARISSI

Nifirħu lis-Sorijiet tal-Klarissi, li dis-sena jagħlqu 50 sena minn meta ġew Malta. F'ħarġa oħra nagħtukom xi informazzjonijiet fuq dawn is-sorijiet u fuq il-kunvent tagħhom.

## BOLLI UŻATI

**Tirċievi xejn ittri? U l-bolli x'tagħmel bihom? Taf li dawk bihom tista' tgħin biex nibnu l-Knisja l-Ġdida? Il-bolli, anki UŻATI, huma flus, u għandna bżonn ta' ħafna flus biex inlestu l-Knisja. Mela ibagħtuhomlna għax napprezzawhom ħafna. Grazzi.**

## NIRRINGRAZZJAW

Lil dawk kollha li għinuna, bl-offerti u/jew bil-ħidma tagħhom, biex il-FIERA TAL-MILIED tkun suċċess.

"Empire Press."